MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 662/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL CAMILLERI**

**VS**

**ROSA MARIA MALLIA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rosa Maria Mallia, ta' 40 sena, mart Joseph (minnu separata), bint

Paul u Iris Maria nee' Tabone, imwieled il-Belt Valletta fl-20 ta' Lulju 1962 u toqghod 'Kendal', Flat 3, Triq il-Granmastri, M'Scala, detentura ta' karta ta' identita' numru 464862 (M);

Talli fis-7 ta' Dicembru 2001 ghall-habta ta' xi d-9.00am, gewwa l-Belt, Valletta:

a) minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Stephanie Ruggier mill-Gudja, f'perikolu ciar, ikkagunatilha feriti gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Stephanie Ruggier;

b) attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' Stephanie Ruggier, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti;

c) U aktar talli ingurjat u hediet lil Stephanie Ruggier, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzgha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-serviz.

Wara illi rat l-Artikoli 214, 96 (a) u 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmija imputata hatja ta' kif akkuzata, hlief ghall-akkuza ta' ferita gravi, u ssibha hatja ta' ferita hafifa.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta' l-

artikolu 9 tal-kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tobbliga lill-istess imputat, sabiex bl-ebda mod ma' tkellem jew timmolesta lil Stephanie Ruggier u membri ohra tal-familja taghha, u dan ghall-perjodu ta' sena (1) mil-lum, b'penali ta' mitt lira maltin (Lm100), a tenur ta' l-Artikolu 383.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------